# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April 2002

Citazzjoni numru 2074/98 AJM

Kawza numru

Aluminium Limited

Vs

Alfred u Mary Anne konjugi Vella

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-15 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li l-konvenuti ghandhom ihallsuha s-somma ta' elf hames mija wiehed u ghoxrin lira maltin (LM1521) rappresentanti prezz ta' xoghol ta' aluminium minnhom ordnat u lilhom konsenjat u nstallat kif pattwit; illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati kemm-il darba sabiex jersqu ghal hlas anke permezz ta' ittra ufficjali, huma baqghu djjem inadempjenti; illi d-dejn huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talba ghal hlas; talbet li din il-Qorti:-

1. in vista tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa, dispensat is-smiegh tal-kawza a termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' elf hames mija wiehed u ghoxrin lira maltin (LM1521) rappresentanti prezz ta' xoghol ta' aluminium minnhom ordnat u lilhom konsenjat u istallat kif pattwit.

Bl-ispejjes, konprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-3 ta'Mejju 1996 u tas-7 ta' Mejju 1997, u bl-imghax legali mid-data tal-kompletazzjoni tax-xogholijiet sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minnissa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tas-socjeta' attrici.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 1998 meta l-konvenuti inghataw l-fakolta li jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fl-20 ta' Novembru 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. illi s-somma mitluba mis-socjeta' attrici ma hijiex dovuta stante li kif muri bid-dokumenti A u B, il-konvenuti diga hallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' LM7800 akkont u tal-prezz originali ta'LM8250 kif muri fl-invoice no. 135931 (dok C) u allura illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut.
2. Illi jinghad illi x-xoghol ta' aluminium maghmul u kkonsenjat lill-konvenuti ma kienx mahdum skond is-sengha u l-arti, u kellhom jsiru xogholijiet rimedjali peress li kien fihom numru ta'

difetti u kien sahansitra anke jidhol l-ilma tax-xita mill-istess bibien u twieqi.

3. Illi ghalhekk l-konvenuti sofrew danni sia nkwantu illi l-ilma tax-xita hawn fuq imsemmi kkawza hsarat fil-fond residenzjali taghhom u sia in kwantu illi meta l-aluminium tqieghed fuq il-post, saru xi hsarat fl-istess fond peress illi anke l-istess tqieghed ma sarx kif titlob is-sengha u l-arti.
4. Illi in vista ta' dan it-talbiet attrici gahndhom jigu respinti bl-ispejjes kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenuti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici giet kkuntrattat mill-konvenuti biex taghmel xogholijiet ta' aluminium fil-fond taghhom gewwa Santa Marija Estate, il-Mellieha. Fis-16 ta' Gunju 1992 il-konvenuti gew pprezentati bi stima dettaljata ghal dawn ix-xogholijiet fl-ammont ta' LM7643 li, b'discount ta' 3.6% ammontanti ghal LM273, kien jwassal ghas-somma komplessiva ta' LM7370.00. Dan l-ammont kellu jithallas kwantu ghal 35% bhala

depozitu, 35% max-xogholijiet konsenjati, u l-bilanc mal-ezekuzzjoni kompleta tax-xoghol. Din l-istima u modalita' ta' pagament kien accettati mill-konvenuti li konsegwentement, kif mitluba, iffirmaw d-dokument lilhom ipprezentat u hallsu depozitu ta' LM3,000 akkont tal-prezz fis-17 ta' Gunju 1992.

Matul l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet s-socjeta' attrici tghid li gew ordnati xogholijiet extra fl-ammont ta' LM914.88, kif jidher mill-invoice finali mibghuta mis-socjeta' attrici fit-13 ta' Mejju 1993, meta gew terminati x-xogholijiet. B'kollox ghalhekk, tenut kont tad-discount moghti fuq dawn ix-xogholijiet extra, l-kont finali kien jammonta ghas-somma ta' LM8250.00.

Matul l-ezekuzzjoni tax-xoghol u qabel ma hareg il-kont finali, il-konvenuti hallsu akkonti ohra ta' LM1400 u LM1900 u b'hekk meta gie terminat l-appalt mill-ammont originali plus extras kien fadal bilanc ta' LM1950.00 billi kienet thallset is-somma ta' LM6,300.00 akkont.

Cirka sena wara u cioe fl-4 ta' April 1994 jirrizulta li l-konvenuti hallsu akkont iehor ta' LM1000. Wara dan il-pagament is-socjeta' attrici tghid, u f'dan mhux kontradetta, li ghal habta ta'Ottubru 1994, giet inkarigata mill-konvenuti biex taghmel xogholijiet ta' manutenzjoni mehtiega fil-mosquito netting ta' xi twieqi, u ta' dan, flimkien ma xi materjaliehor fornit, ipprezentat invoice numru 311294 datat Dicembru 1994, fl-ammont ta' LM235.67. Ghalhekk sa l-ahhar ta' Dicembru 1994 l-ammont dovut lis-socjeta' attrici kien jlahhaq is-somma ta' LM1185.67. Izda jidher li fis-27 ta' April 1996 il-konvenuti hallsu s-somma ta' LM500 biex b'hekk kien fadal bilanc dovut lis-socjeta' attrici ta' LM685.67 u mhux dak indikat fic-citazzjoni.

Id-diskrepanza bejn l-ammont imsemmi aktar il-fuq u l-ammont imsemmi fic-citazzjoni tirrizulta minhabba l-fatt li, din is-socjeta' ddebitat lill-konvenut d-discount li kien originarjament moghti fl-ammont ta' LM307.88 u dan, skond r-rapprezentant tas-socjeta' attrici, billi l-konvenuti ma kienux ghamlu l-pagament totali mal-ezekuzzjoni tax-xogholijiet intraprizi mis-socjeta' attrici, oltre li l-istess socjeta' iddebitat lill-konvenuti imghaxijiet u management charges fuq il-bilanci rimanenti.

Qabel ma jigu ezaminati l-eccezzjonijiet tal-konvenuti irid qabel xejn jigi determinat jekk l-ammont reklamat fic-citazzjoni huwiex gustifikat. Ghalhekk ser jigu ezaminati z-zewg partiti addizzjoni mitluba oltre l-kapital.

**Discount.**

Li stima ppresentata mis-socjeta' attrici li ggieb id-data 16 ta'Gunju 1992, u li sussegwentement giet iffirmata tal-konvenut u ghalhekk tifforma l-bazi tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet, turi li s-socjeta' attrici kienet tat lill-konvenuti "*Special discount*" ta' 3.6% fuq il-prezz hemm konvenut fl-ammont ta' LM273. Dan id-discount huwa rifless ukoll fil-kont tat-13 ta' Mejju 1993, ghalkemm hawn jirrifletti ammont mizjud, minhabba l-extras, u ghalhekk d-discount kien ta' LM307.88.

Kif gja inghad il-modalita' tal-pagament konvenut bejn il-partijiet kien tali li mat-terminazzjoni tax-xogholijiet il-konvenuti kellhom jhallsu l-ahhar bilanc ta' 30% mill-prezz. Ghalhekk huwa korrett r-rappresentant tas-socjeta' attrici, meta qal li dan id-discount kien qed jinghata taht

il-kondizzjoni li kull bilanc dovut sad-data li jigu ezegwiti x-xogholijiet kellu jithallas immedjatament u fin-nuqqas dan id-discount, li jissejjah "cash discount" billi hu marbut mal-pagament immedjat, ma jinghatax.

Ghalkemm dwar l-extras qatt ma sar ftehim formali, jidher li l-istess principju gahndu jigi adottat billi s-socjeta' attrici, minghajr ma giet mitluba, ikkoncediet "cash discount" fuq il-prezz ta' dawn l-extras. Il-konvenuti ma jghidu xejn fir-rigward u lanqas ma jirrizulta li fid-data li gew ezegwiti x-xogholijiet, inkluzi l-extras, huma resqu xi ilmenti dwar x-xogholijiet. Ghalhekk proprjament dawn kellhom jonoraw l-obbligi taghhom immedjament sabiex juzufruwixxu minn dan il-"Cash discount". Billi jirrizulta li ma sarx il-hlas kollu immedjatament dan il-"cash discount" ma ghandux jigi komputat favur il-konvenuti u s-socjeta' attrici hija intitolata titlob l-valur kollu originarjament pattwit.

**Imghaxijiet u management charges.**

Fit-talba taghha s-socjeta' attrici kkomputat imghax ta' 7.50% u 2% management charges. Fl-ewwel lok jinghad li l-kuntratt ta' appalt ma jitkellem xejn dwar 'management charges' u ghalhekk dawn certament ma humiex dovuti.

Dwar l-imghaxijiet komputati din il-Qorti tosserva li fit-talba taghha s-socjeta' attrici qedha titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu, fuq is-somma indikata fic-citazzjoni, l-imghax legali mid-data tal-kompletazzjoni tax-xogholijiet. Dan jfisser li jekk kellha tintlaqa din it-talba ghall-imghaxijiet s-socjeta' attrici tkun qed tigi kreditata b'imghaxijiet fuq imghaxijiet u anke imghaxijiet fuq l-'administration charges' li mhux dovuti. Dan mhux permess u ghalhekk l-imghaxijiet

ukoll sejrin jitwarbu u l-Qorti sejra tipprovdi, kif jinghad hawn taht, fuq it-talba dwar l-imghaxijiet kif tirrizulta fic-citazzjoni.

Minn dan jirrizulta li l-ammont effettivament dovut lis-socjeta' attrici hu ta' disa' mija tlieta u disghin lira hamsa u hamsin centezimu (LM993.55). Dan il-fatt jidher rikonoxxut mis-socjeta' attrici billi hekk huwa sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Ikkunsidrat:

Dan stabbilit trid tigi ezaminata s-sottomissjoni tal-konvenuti fis-sens li ghandu jigi pacut l-ammont allegatament nefqu sabiex jittrangaw xi difetti fix-xoghol ezegwit mis-socjeta' attrici.

Fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2001 l-konvenuti pprezentaw invoice mahruga mis-socjeta' Fithome Ltd u indirizzata lill-konvenut Alfred Vella ghall-ammont ta' LM470.80. Din l-invoice li ggib id-data tat-18 ta' Ottubru 1995 hija intestata "Remedial works on aluminium apertures due ti bad workmanship by others."

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li din l-invoice hija mahrug mill-konvenut "nomine" lilu nnifsu inkwantu s-socjeta' Fithome Ltd tappartjeni lill-konvenut Alfred Vella u hija gestita minnu. Dan jirrizulta mix-xhiea tieghu stess fejn jghid li huwa ghamel ix-xogholijiet "rimedjali" bin-nies tieghu. Ismu ukoll jidher fl-istess invoice bhala direttur tas-socjeta. Dan il-fatt wahdu jirrendi l-invoice u l-allegati xogholijiet "rimedjali" suspetti, izjed u izjed meta dawn ix-xogholijiet allegatament saru ad insaputa tas-socjeta' attrici u minghajr ma gie registrat ebda ilment dwar ix-xogholijiet ezegwiti mill-istess socjeta'.

Fit-tieni lok ghandu jinghad li dan l-ammont filwaqt li huwa kontestat mis-socjeta' attrici li tichad li qatt kien hemm htiega ta' xogholijiet rimedjali, ma jirrizultax dovut la b'xi ammissjoni tas-socjeta' attrici, la in forza ta' xi sentenza tal-Qorti. Ghalhekk, filwaqt li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici, ghal anqas in parti, jirrizulta minn kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti, daqstant ma jistax jinghad li l-ammont reklamat mill-konvenuti huwa likwidu u dovut. Dan apparti li jidher li kull talba tal-konvenuti fir-rigward, anke jekk gustifikata, tista' tkun preskritta. Konsegwentement ma jistax jkun hemm kumpensazzjoni bejn dak li qed tippretendi s-socjeta' attrici u dak li qedin jallegaw il-konvenuti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi tiddikjara li l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' (LM993.55) disgha mija tlieta u disghin lira hamsa u hamsin centezimu, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mil-14 ta' Mejju 1993.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-terz mis-socjeta' attrici u zewg terzi mill-konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri